MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta tat-23 ta' Ottubru, 2009

Numru 645/2009

**Il-Pulizija**
**Spettur Ramon Mercieca**

**vs**

**Timothy Joe Forace**

Il-Qorti;

Rat li l-imputat Timothy Joe Forace ta' 26 sena, iben Carmel u Rita nee' Mizzi, imwieled Pieta' nhar it-8 ta' Mejju 1985 u residenti Kamerata Buildings, Floor 1, Flat 11, Triq il-Merkanti, Valletta u detentur tal-karta tal-identita' numru 256085(M) gie mressaq quddiemha akkuzat talli:

Nhar is-7 ta' Mejju 2009, ghal-habta ta' 14:20Hrs f' dawn il-Gzejjer;

a. B’qerq holoq jew gieghel jidher li donnu hemm fatt jew cirkostanza, sabiex dan il-fatt jew cirkostanza jkunu jistghu ‘l quddiem jiswew bi prova kontra persuna ohra, bil-hsieb li b’hekk din il-persuna tkun tista’ tigi kontra is-sewwa akkuzata jew misjuba hatja ta’ reat; (Dan bi ksur ta’ l-Artikolu 110(1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta).

b. Fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, iddenunzja lill-Pulizija Ezekuttiva reat li jaf li ma sarx, inkella b’ qerq holoq it-tracci ta’ reat b’ mod li setghu jinbdew proceduri kriminali sabiex jizguraw li dak ir-reat kien sar; (Dan bi ksur ta’ l-Artikolu 110(2) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta).

Rat l-atti kollha ta’ dan il-procediment inkluz il-kunsens tal-Avukat Generali datat 6 ta’ Lulju 2009 (esebit *a folio 5* tal-Process) sabiex il-kawza tigi trattata u deciza bi procedura sommarja.

Rat li waqt l-ezami li sarlu fis-seduta tat-23 ta’ Ottubru 2009 l-imputat iddikjara li ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat u deciz bi procedura sommarja u minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha surreferita.

Semghat l-ammissjoni ta’ l-imputat kif registrata fl-atti fis-seduta ta’ nhar tat-23 ta’ Ottubru 2009 ghall-akkuzi kollha migjuba fil-konfronti tieghu.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-Artikolu 453 (1) tal-Kap. 9, u cioe’ wara li l-imputat wiegeb li huwa hati, din il-Qorti wissietu b’mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta’ dik it-twegiba tieghu u tatu zmien xieraq sabiex jekk irid jerga’ lura minnha u kien biss wara li staqsietu it-tieni darba li l-Qorti ghaddiet sabiex taghti kaz din l-ammissjoni tieghu.

Illi ghalhekk fuq l-ammissjoni volontarja u nkondizzjonata ta’ l-istess imputat, l-Qorti tiddikjara li ma ghandhiex triq ohra salv li ssib lill-imputat hati ta’ l-akkuzi migjuba kontra tieghu.

Ghall-finijiet ta’ piena l-Qorti kkunsidrat il-fatt li l-imputat rregistra ammissjoni fi stadju daqshekk bikri tal-proceduri kif ukoll ghac-cirkostanzi partikolari tal-kaz u l-fatt li huwa kkopera bis-shih fil-kors ta’ l-investigazzjonijiet.

Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikoli 110(1) u (2) tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta’ Malta, tiddikjara li qed issib lill-imputat hati tal-akkuzi kollha migjuba fil-konfronti tieghu kif minnu ammessi u b’ applikazzjoni tal-Artikolu 22 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta’ Malta, tilliberah bil-kundizzjoni li ma jikkommettix reat iehor sa zmien sitt(6) xhur millum.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------